

MT

MT

MT



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 5.11.2010
KUMM(2010) 619 finali

2010/0304 (NLE)

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-
Ministri AKP-KE dwar l-istatut tal-Ginea Ekwatorjali fir-rigward tal-Ftehim ta'
Sħubija AKP-KE rivedut**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ginea Ekwatorjali storikament kienet parti mill-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membru tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou (Bénin) fit-23 ta' Ġunju 2000) minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE").

Fil-25 ta' Ġunju 2005, fil-Lussemburgu, il-Ginea Ekwatorjali, flimkien ma' pajjiżi oħra AKP, iffirmit il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE (minn hawn 'il quddiem "Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut").

B'mod konformi mal-Artikolu 93(3) tiegħu, il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008, wara ratifika tar-reviżjoni mill-UE u l-Istati Membri tagħha kif ukoll minn żewġ terzi tal-Istati AKP. L-Artikolu 93(4) tal-Ftehim jistipula li Stat AKP firmatarju li ma jkunx wettaq il-proċeduri ta' ratifika fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ikun jista' biss jagħmel dan fit-tnax-il xahar wara din id-data. Ladarba jkun skada dan iż-żmien, dan l-Istat firmatarju għandu jsegwi l-proċedura ta' adeżjoni stabbilita fl-Artikolu 94.

Fit-12 ta' Settembru 2008, il-Ginea Ekwatorjali ddepożitat l-istrument ta' ratifika tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut b'riserva dwar l-Artikolu 11(6) li jagħmel referenza għall-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha rrifjutaw din ir-ratifika b'riserva permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2008. Għalhekk, ir-ratifika ma ġietx aċċettata bħala valida.

Obiang Nguema, il-President tar-Repubblika tal-Ginea Ekwatorjali ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jiddepożita l-istrumenti ta' ratifika tal-Ftehim ta' Cotonou rivedut mingħajr riserva qabel id-data limitu ta' ratifika stabbilita għat-30 ta' Ġunju 2009, iżda minn dakinhar, il-Parlament għarraf li diffikultajiet ta' natura ġuridika ma jippermettux li jagħti l-awtorizzazzjoni li jitlob l-Eżekuttif biex jirratifika mingħajr riserva.. Minn dak iż-żmien il-fajl ma reggħax ġie diskuss fil-Parlament.

F'ittra tal-21 ta' Mejju 2010, indirizzata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Ekwato-Ginean, Pastor Micha Ondo Bile, informa lill-UE li l-Ginea Ekwatorjali kellha l-intenzjoni li żżomm mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 94 tal-Ftehim. Il-Ginea Ekwatorjali qed titlob li jingħatala, sadanittant, l-istatut ta' osservatur li jippermettilha li tipparteċipa fl-istituzzjonijiet konġunti stabbiliti mill-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE sakemm titlesta l-proċedura ta' adeżjoni. Dan l-istatut għandu jingħata sakemm l-awtoritajiet Ekwato-Gineani jkun effettivament f'pożizzjoni li jippreżentaw l-istrumenti ta' adeżjoni tagħhom, jiġifieri sat-30 ta' April 2011

Għalhekk jaqbel li tiġi adottata pożizzjoni favorevoli tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-talba li għandha tiġi approvata fil-qafas ta' deċiżjoni formali tal-Kunsill Konġunt tal-Ministri AKP-KE.

B'mod konformi mal-Artikolu 218(10) TFUE, il-Parlament Ewropew se jiġi infurmat.

Għalhekk il-Kummissjoni tippromponi lill-Kunsill li jadotta l-proposta ta' deċiżjoni konġunta.

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ministri AKP-KE dwar l-istatut tal-Ginea Ekwatorjali fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9),

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 93(3), il-Ftehim AKP-KE rivedut daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.
- (2) Il-Ginea Ekwatorjali li ffirmat il-Ftehim AKP-KE rivedut fil-25 ta' Ġunju 2005 iddepożitat strument ta' ratifika b'riserva li ġie rrifjutat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Għalhekk, ir-ratifika mhijiex valida skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 93(4).
- (3) L-Artikolu 94 tal-Ftehim AKP-KE rivedut jistipula li kull talba ta' adeżjoni ta' Stat għandha tiġi mgħarrfa lill-Kunsill tal-Ministri AKP-KE u approvata minnu.
- (4) F'Mejju 2010 il-Ginea Ekwatorjali ppreżentat talba ta' adeżjoni b'mod konformi mal-Artikolu 94 tal-Ftehim AKP-KE kif ukoll talba ta' statut ta' osservatur li jippermettilha li tipparteċipa fl-istituzzjonijiet konġunti stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE sakemm titlesta l-proċedura ta' adeżjoni.
- (5) L-għoti ta' dan l-istatut sat-30 ta' April 2011 għandu jiġi approvat mill-Kunsill Konġunt tal-Ministri AKP-KE, filwaqt li l-Ginea Ekwatorjali għandha tiddepożita l-Att ta' Adeżjoni fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE u s-Segretarjat tal-Istati AKP, depożitarji tal-Ftehim, mhux iktar tard minn din id-data.
- (6) B'mod konformi mal-Artikolu 15(4) tal-Ftehim, il-Kunsill Konġunt tal-Ministri AKP-KE ftehem fil-21 ta' Ġunju 2010 f'Ouagadougou li jagħti mandat lill-Kumitat ta' Ambaxxaturi biex jiddeċiedi dwar dan.
- (7) Jaqbel li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat ta' Ambaxxaturi AKP-KE fir-rigward ta' din it-talba.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu uniku

Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-KE dwar l-istatut ta' osservatur tal-Ginea Ekwatorjali hija li tiġi aċċettata din it-talba, b'mod konformi mat-termini tal-abbozz ta' deċiżjoni meħmuża fl-anness.

L-istatut ta' osservatur se jkun validu sat-30 ta' April 2011. Il-Ginea Ekwatorjali għandha tiddepożita l-Att ta' Adeżjoni fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill qabel din id-data.

Jista' jsir ftehim dwar emendi formali fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE mingħajr ma jkun meħtieġ li jiġi emendat l-anness ta' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Abbozz

Décizjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE dwar l-istatut tal-Ginea Ekwatorjali fir-rigward tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE rivedut

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (minn hawn 'il quddiem "AKP"), minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou (Bénin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u rivedut fil-Lussemburgu (Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu) fil-25 ta' Ġunju 2005 (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim AKP-KE")¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3) u (4).

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1/2005 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE tat-8 ta' Marzu 2005 dwar l-adozzjoni tar-regolament intern tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

- (1) Skont l-Artikolu 93(3), il-Ftehim AKP-KE rivedut daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008.
- (2) Il-Ginea Ekwatorjali li ffirmit il-Ftehim AKP-KE rivedut fil-25 ta' Ġunju 2005 iddepożitat strument ta' ratifika b'riserva li ġie rrifjutat mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2008. Għalhekk, ir-ratifika ma ġietx ivalidata skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 93(4).
- (3) L-Artikolu 94 tal-Ftehim AKP-KE rivedut jistipula li kull talba ta' adeżjoni ta' Stat għandha tiġi mgħarrfa lill-Kunsill tal-Ministri AKP-KE u approvata minnu.
- (4) F'Mejju 2010, il-Ginea Ekwatorjali ppreżentat talba ta' adeżjoni b'mod konformi għall-Artikolu 94 tal-Ftehim AKP-KE, kif ukoll talba ta' statut ta' osservatur li jippermettilha li tipparteċipa fl-istituzzjonijiet konġunti stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE sakemm titlesta l-proċedura ta' sħubija tal-adeżjoni.
- (5) L-istatut ta' osservatur jkun validu sat-30 ta' April 2011. Il-Ginea Ekwatorjali għandha tiddepożita l-Att ta' Adeżjoni fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, u fis-Segretarjat tal-Istati AKP, depożitarji tal-Ftehim, qabel din id-data.
- (6) B'mod konformi mal-Artikolu 15(4) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-Ministri AKP-KE ftehem fil-21 ta' Ġunju 2010 f'Ouagadougou li jagħti mandat lill-Kumitat ta' Ammbaxxaturi biex jiddeċiedi f'ismu.

¹ ĠU L 209, 11.8.2005; ĠU L 287, 28.10.2005.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ginea Ekwatorjali għandha tgawdi minn statut ta' osservatur fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Membri tal-Grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou (Bénin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u rivedut fil-Lussemburgu (Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu) fil-25 ta' Ġunju 2005, sat-30 ta' April 2011. Il-Ginea Ekwatorjali għandha tiddepożita l-Att ta' Adeżjoni tagħha fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, u fis-Segretarjat tal-Istati AKP, depożitarji tal-Ftehim, qabel din id-data.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-KE,
F'isem il-Kunsill tal-Ministri AKP-KE
Il-President*